Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/53*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 53 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 31 ta' Awwissu, 2012 fil-5.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-52

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. L-Għasri Sub Post Office

Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sub Post Office fl-Uffiċċju tal-Kunsill issa beda jiffunzjona minn nhar l-Erbgħa 22 ta' Awwissu 2012. B'hekk ħlasijiet ta' kontijiet tal-ilma u dawl, telefon, cable, u oħrajn jistgħu jibdew jitħallsu fl-uffiċċju tal-Kunsill. Barra minn hekk jistgħu jinbiegħu bolli u anke jiġu reġistrati ittri. B'hekk il-Kunsill ser ikun qed joffri dawn is-servizzi kollha lir-residenti tiegħu. Il-Kunsill qabel li nagħmlu avviżi dwar dan is-servizz u b'hekk ir-residenti jkunu infurmati. Anthony Grech mill-Gozo Philatelic Society ta lill-Kunsill kartolina ta' tifkira għal din l-okkażjoni.

## 4. Korrispondenza

4.01 Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żviluppi s-Sur Joseph Portelli informa lill-Onor. Dr Chris Said (u ikkopja lill-Kunsill) li x-xogħlijiet ta' manutenzjoni f'Wied is-Seqer ser isiru fi żmien qasir.

4.02 Is-Segretarjat għall-Anzjani u Kura fil-Komunita informa lill-Kunsill Lokali li għadhom kif ħarġu l-applikazzjonijiet għan-nominazzjoni Anzjan tas-Sena 2012.

4.03 Id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-Sur Carmel Abela informa lill-Kunsill li r-rifużjoni tal-Onorarja tas-Sindki għanda issir kollha sal-aħħar ta' Diċembru 2012. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fil-fatt diġa saru l-arranġamenti meħtieġa dwar dan.

4.04 Is-Sur Cleavon Vella, Assistant Direttur fid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali talab informazzjoni dwar ċitazzjonijiet li hemm pendenti quddiem it-Tribunal. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din l-informazzjoni se tingħata mill-Kumitat Kunġunt.

## 5. Attivita' fl-okkażjoni ta' Jum L-Għasri

Kif kien diskuss fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, bdew il-preparamenti biex tiġi organizzata l-attivita' ta' Jum L-Għasri. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-caterer Joseph Mercieca ta' Country Terrace mhux possibbli li jagħmel l-attivita' is-Sibt 29 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li l-attivita' tista' issir il-Ġimgħa 28 ta' Settembru li hija proprju Jum L-Għasri. Fuq suġġerimenti li kienu saru fl-aħħar laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv kien ikkuntattja lil John Cassar biex jagħmel l-entertainment iżda huwa ma jistax. Għalhekk ġie ikkuntattjat Mario Caruana li kien għamel l-entertainment waqt l-attivita' tas-sena l-oħra. Mario Caruana se jkun jista' jiġi. Il-Kunsilliera Renance Vella Aquilina issuġġeriet ukoll li nistiednu lil D Clefs Band. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta wkoll. Għalhekk ser jitkompla jsir ix-xogħol meħtieġ biex tittella' din l-attivita'.

## 6. Tiġdid ta' offerti

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerti dwar :-

i. Tindif ta' toroq
ii. Ġbir ta' Skart Goff
iii. Tindif ta' Latrina Pubblika
iv. Manutenzjoni ta' toroq – Servizzi lill-Kunsill;

jagħlqu kollha fl-aħħar ta' din is-sena. Dawn il-kuntratti kollha se jagħlqu tlett snin u għalhekk ma jistgħux jiġġeddu. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li għandna noħorġu sejħa għall-offerti għal dawn l-erba' kuntratti.

## 7. Offerta dwar Ġbir ta' Skart Domestiku

Din l-offerta se toħroġ flimkien mal-Kunsilli Lokali ta' L-Għarb u San Lawrenz. Minn naħa tal-Kunsill tagħna, id-dokumenti kienu kollha lesti. Ftit tal-jiem ilu l-Kunsilli imsemmija ikkuntattjaw lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex inkomplu bil-proċess tal-ħruġ għas-sejħa għall-offerta. Il-Kunsill qabel li għandna niproċedu biex tinħareġ sejħa għall-offerti dwar is-servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku.

## 8. Ħlas ta' Kontijiet

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-53 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 9. Materja oħra

9.01 Emmanuel Calleja informa lill-Kunsill li l-mera tat-traffiku fi Triq id-Dehra kantuniera ma' Triq San Pupulju kienet imkissra. Il-Kunsill qabel li nordnaw mera tat-traffiku ġdida.

9.02 Anna Debarro ta' Sqaq il-Knisja fi Triq il-Knisja ilmentat li l-istess sqaq għandu bżonn jinbidel peress li kollu imkisser. Hija talbet ukoll sabiex in-naħa t'isfel tal-isqaq isiru ganċijiet fejn ikunu jistgħu idendlu l-borża tal-iskart. Il-Kunsill qabel li l-isqaq għadu fi stat tajjeb u jekk hemm bżonn li issir xi manutenzjoni din għandha issir. Il-Kunsill qabel li issir kanna bil-ganċijiet fejn ikunu jistgħu jiddendlu l-boroż tal-iskart.

9.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Alfred Attard kien issuġġerielu sabiex jitnaddaf il-parti t'isfel tal-wied li hemm fi Triq il-Knisja peress li jekk tagħmel ix-xita jista' jiġi imblukkat. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ biex jitnaddaf il-wied.

9.04 Claire Saliba ta' Triq Għammar talbet sabiex issir 'road hump' fl-istess triq fl-inħawi fejn toqgħod peress li qed isir sewqan eċċessiv. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta dwar din il-proposta tat-traffiku.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru, 2012 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fis-7.00p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |